MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1099/2007

**Stephen Scicluna (ID Nru 461376M).**

**vs**

**Brian Degiorgio (ID Nru 438776 M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Stephen Scicluna datat 22 ta' Ottubru 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' skrittura privata ffirmata bejn il-kontendenti fil-11 ta' Marzu 2004 dokument "A" hawn anness, il-partijiet kienu fthemu li tinxtara proprjeta` fuq isem il-konvenut u cioe` l-proprjeta` bin-Nru 2 u 3, Triq il-Madonna Tal-Angli, Haz-Zebbug, bl-intiza pero` illi din il-proprjeta` kellha tinxtara u fil-fatt inxtrat bi flus

appartenenti ghall-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom u bl-intiza li x-xoghlijiet involuti biex din id-dar tigi kkonvertita u titlesta ghall-biegh kif ukoll l-ispejjez fuq dawn ix-xoghlijiet kellhom jinhargu, kif fil-fatt inhargu, fi kwoti indaqs bejn il-kontendenti kif kellhom jinqasmu wkoll fi kwoti indaqs il-profitti meta l-imsemmija propjeta` tigi mibjugha.

Illi in effett din id-dar giet mibjugha skont att ippublikat min-Nutar Dr. Malcolm Mangion fl-4 ta' Gunju 2007 ghall-prezz ta' Lm72,500.

Illi l-kontendenti gia` ghamlu bejniethom il-kontijiet u r-rattizazzjoni tal-profitti li kienu ghamlu bejniethom il-kontendenti in segwitu ghal dan il-ftehim sabiex il-profitti li kull wiehed mill-kontendenti kellu jircievi a bazi tal-istess, gew stabbiliti fis-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija erbgha u ghoxrin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm17,824.89) ekwivalenti ghal €41,520.82.

Illi l-intimat filwaqt li accetta li s-somma ta' Lm17,824.89 (€41,520.82) fuq indikata, hija c-cifra li hija dovuta minnu lir-rikorrenti, qed jirrifjuta li jhallasha u dan ghall-ebda raguni valida fil-ligi.

Illi fuq dik is-somma, mid-data ta' meta l-ammont gie dovut u cioe` mill-ghada tal-att tal-biegh tal-proprjeta` fuq rifferita u meta allura l-intimat gie fil-pussess tal-prezz *intier* tal-biegh, sad-data tallum iddikorew l-imghaxijiet bit-8% ekwivalenti dawn l-imghaxijiet ghas-somma ta' Lm543.50 (€1,266.01), sabiex is-somma totali dovuta mill-intimat lir-rikorrent sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat tammonta ghas-somma ta' tmintax-il elf, tliet mija tmienja u sittin, u tmienja u tletin centezmu Lm18,368.38 (€42,786.83).

Illi fil-fehma tal-esponenti dan l-ammont huwa wiehed cert likwidu u dovut u l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissolleva ghat-talbiet rikorrenti.

Jghid l-intimat ghar-ragunijiet premessi u dawn li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u

dispensat mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-**artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civi**li ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' Lm17,824.89 ekwivalenti ghal €41,520.82 minnu dovuti lir-rikorrenti kif fuq intqal.

2. Tikkundana *inoltre* lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta' Lm543.50 (€1,266.01), imghax fuq l-istess ammont mill-5 ta' Gunju 2007 sa 22 ta' Ottubru 2007.

Bl-ispejjez inkulzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 1525/2007 mahrug fit-12 ta' Ottubru 2007, tal-ittri nterpellatorji tat-8 ta' Awwissu 2007 u tal-25 ta' Settembru 2007, Dok "B" u "C" rispettivament hawn annessi, u bl-imghaxijiet ulterjuri legali mit-23 ta' Ottubru 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2008 fejn id-difensuri tarattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provvediment fuq it-talba tal-attur verbalizzata fis-27 ta' Novembru 2007 abbazi tal-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 ghat-12 ta' Marzu 2008; u l-verbal tat-12 ta' Marzu 2008 fejn inghata provvediment; xehed bil-gurament Brian Gegiorgio. Peress li l-Qorti hasset li l-konvenut ipprova *prima facie* li ghandu eccezzjonijiet x'jipprezenta, tat l-opportunita` lill-istess konvenut biex jipprezenta l-istess eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum minn dan id-digriet.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Brian Degiorgio (ID Nru. 438776(M)) datata 18 ta' Marzu 2008 a fol 52 tal-processs fejn ecceppixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont kif mitlub mill-attur ma hux dovut;

2. Illi l-fond in kwistjoni ma nbieghx ghall-prezz reklamat fir-rikors promotorju;

3. Illi l-konvenut wara li ghamel il-kontijiet offra s-sehem tal-attur permezz ta' cekk bankarju u l-attur wara li accetta dan l-ammont qajjem oggezzjonijiet fiergha u ppretenda hlas aktar fuq stimi vvintati minnu;

4. Illi l-konvenut ma setax jaqbel mat-talbiet inveritiera ta' l-attur u l-konvenut offra dak li korrettament kien dovut lejh. Fuq kollox jinghad illi l-kontijiet in kwistjoni thallsu minn self moghti personalment lill-konvenut mill-bank;

5. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-ittri interpellatorji pprezentati mill-attur jidher illi l-partijiet kienu qed jinnegozjaw il-posizzjonijiet rispettivi taghhom u kwindi l-intavolar ta' din il-kawza kienet intempestiva u allura l-attur wahdu ghandu jbati l-ispejjez tal-istess kawza;

6. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur l-imghax jista' jiddekorri biss mid-data ta' att gudizzjarju u kwindi jiddekorri jew mid-data tal-intavolar tal-kawza kemm-il darba din il-Qorti tikkonferma s-somma mitluba jew mid-data tas-sentenza kemm-il darba din is-somma tkun likwidata diversament minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 53 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal- 5 ta’ Gunju 2008 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Vincent Galea a spejjez provvizorjament attrici. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-18 ta’ Novembru 2008.

Rat in-nota ta’ Stephen Scicluna datata 17 ta’ Settembru 2008 a fol 57 tal-process li biha esebixxi l-affidavit tieghu stess flimkien mad-dokumenti annessi.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dr. Vincent Galea pprezentat fit-8 ta’ Ottubru 2009 u mahluf fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2009 a fol 194 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ April 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Susanne Agius ghall-konvenut Degiorgio u Dr. Kenneth Grima ghall-attur. Dr. Agius talbet taghmel nota ta’ kritika u l-Qorti pprefiggiet tletin (30) gurnata zmien ghall-istess nota ta’ kritika bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat- 30 ta’ Gunju 2010.

Rat in-nota ta’ Stephen Scicluna datata 25 ta’ Mejju 2010 a fol 229 tal-process li biha l-attur rrimetta ruhu ghar-rapport peritali u dan billi n-nota ta’ kritika li l-konvenut kellu jipprezenta sas-17 ta’ Mejju 2010 bil-*visto* tal-attur, baqghet ma saritx u dan minkejja li ghaddew izjed minn tmient ijiem (8) mid-data tan-nota ta’ kritika li kellha tigi sottomessa.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta’ wieħed u erbgħin elf ħames mija u għoxrin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€41,520.82) rappreżentanti s-sehem tiegħu tal-profitti mill-bejgħ tal-proprjetà bin-numri 2 u 3, Triq il-Madonna tal-Anġli, Ħaż-Żebbuġ, liema proprjetà

inxtrat u ġiet irranġata bi flus il-kontendenti, bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta’ 8% mid-data meta l-ammont kellu jitħallas lill-attur, ċjoè mill-għada tal-att tal-bejgħ tal-proprjetà imsemmija.

Illi min-naħa tiegħu, il-konvenut, fir-risposta maħlufa tiegħu ikkontenda illi t-talbiet attriċi kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peresss li eccepixxa li l-fond in kwistjoni ma nbiegħx għall-prezz reklamat fir-rikors maħluf; li wara li l-konvenut għamel il-kontijiet, offra s-sehem tal-attur permezz ta’ *cheque* u wara li aċċetta dan l-ammont qajjem oġġezzjonijiet fiergħa u ppretenda aktar ħlas fuq stimi ivvintati minnu; l-intempestivita` tat-talbiet attriċi peress illi l-partijiet kienu għadhom qegħdin jinnegozjaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom u li għalhekk l-attur waħdu għandu jbagħti l-ispejjeż tal-kawża; u li kuntrarjament għal dak illi allega l-attur, l-imgħaxijiet jistgħu jiddekorru biss mid-data ta’ att ġudizzjarju u kwindi jiddekorru jew mid-data ta’ l-intavolar tal-kawża kemm-il darba din il-Qorti tikkonferma s-somma mitluba, jew mid-data tas-sentenza jekk jigi kanonizzat ammont inferjuri ghal dak mitlub.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi permezz ta’ skrittura ffirmata mill-kontendenti nhar il-11 ta’ Marzu, 2004, l-attur ivversa pagament ta’ għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) lill-konvenut bħala t-tieni pagament għall-akkwist tal-proprjetà bin-numri 2 u 3, Triq il-Madonna tal-Anġli, Ħaż-Żebbuġ. *Oltre* dan l-pagament, kien diġà sar pagament ieħor preċedenti fl-ammont ta’ tliet elef lira Maltin (Lm3,000). Dawn il-pagamenti l-attur għamilhom sabiex jinxtara l-imsemmi fond nofs bin-nofs. L-ispejjeż kellhom ukoll isiru nofs bin-nofs u kellu jittieħed self mill-bank ukoll.

Illi l-ewwel kontestazzjoni hija fis-sens li l-attur jgħid illi l-proprjetà in kwistjoni inbiegħet għall-prezz ta’ tnejn u sebgħin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm72,500), però l-konvenut eċċepixxa illi dan ma kienx il-prezz li bih inbiegħet il-proprjetà ghaliex din inbieghet fl-ammont ta’ sittin elf liri Maltin (Lm60,000) (xhieda tat-12 ta’ Marzu, 2008).

Illi izda l-istess konvenut sussegwentement sostna li d-dar inbiegħet għall-prezz ta' wieħed u sebgħin elf u ħames mitt liri Maltin (Lm71,500) u jispjega ulterjorment illi "*d-dar inbiegħet sittin elf lira Maltin (Lm60,000) għall-proprjetà u ħdax-il elf u ħames mitt liri Maltin (Lm11,500) għal finishings"* (xhieda datata 19 ta' Mejju 2009).

Illi għalhekk jirriżulta illi hemm kunflitt bejn il-verżjonijiet mogħtija mill-kontendenti fir-rigward tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà in kwistjoni, izda jirrizulta li l-verzjoni tal-attur hija kkorroborata mix-xhieda ta' Alex Muscat (xhieda 12 ta' Frar 2009) li jghid li l-prezz miftiehem fuq il-proprjetà in kwistjoni, inkluża s-senserija, kien ta' tnejn u sebgħin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm72,500), u fil-fatt jirrizulta f'din ix-xhieda, li jahdem ma' 4 Homes Estate Ltd, u huwa konsulent fuq il-proprjeta' u kien jaf sew li l-kontendenti kien shab f'dan il-progett ghaliex sostna "*huma kienu qaluli li kienu partners fiha*." Jinghad ukoll li din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod ikkontestata u ma għandux jitqies bħala xhud indipendenti.

Illi ghalhekk mill-provi prodottti jirrizulta li l-prezz tal-proprjetà mibjugħa mill-kontendenti, nkluża s-senserija jew *agency fee*, u xogħolijiet ta' *finishings* kien dak imsemmi mill-attur, ċjoè ta' tnejn u sebgħin elf u ħames mitt lira Maltin (Lm72,500) u illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut permezz ta' liema eċċepixxa illi l-fond in kwistjoni ma nbiegħx għall-prezz reklamat fir-rikors promotorju qed tiġi miċħuda.

Illi mill-provi prodotti huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-ftehim ta' bejniethom kien illi kull wieħed minnhom jieħu nofs il-profitti li jipperċepixxu mill-bejgħ tal-fond imsemmi u f'dan il-kuntest hemm żewġ ammissjonijiet tal-konvenut illi huwa effettivamwent debitur tal-attur. L-ewwel ammissjoni hija dik verbalizzata mir-rappreżentant legali tal-konvenut fil-preżenza tal-istess konvenut waqt is-seduta ta' nhar is-26 ta' Frar, 2009 miżmuma quddiem l-Perit legali fis-sens li jinghad li "*Dr. Stefano Filletti ghall- konvenut jiddikjara illi l-attur hu dovut hlas fl-ammont ta' Lm13,000 u jibqa'*

*jikkontesta kull ammont addizzjonali. Ghalhekk filwaqt li qieghed jigi ammess debitu mill-konvenut lejn l-attur fl-ammont ta' Lm13,000 (tlettax-il elf liri Maltin) kull ammont iehor huwa kkontestat.*"

Illi t-tieni ammissjoni saret mill-istess konvenut fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2009 fejn stqarr illi "*mistoqsi mill-Perit Legali jekk l-ammont miktub mill-attur hemmx xi haga li hija dovuta lilu minni, nghid li iva hemm xi haga u li jiena nghid li huwa hamsa u tletin elf tmien mija u hamsa u tletin ewro (€35,835) bla imghax.*" Din l-ammissjoni tal-konvenut tirriżulta wkoll mill-aħħar paġna ta' "Dok. BD 1" ippreżentat mill-konvenut stess waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju, 2009.

Illi għalhekk jirriżulta illi l-konvenut l-ewwel ammetta illi għandu jagħti lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000), ekwivalenti għal tletin elf mitejn wieħed u tmenin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€30,281.85), imbagħad ammetta illi huwa debitur fl-ammont verjuri ta' ħmistax-il elf tlett mija u tlieta u tmenin liri Maltin u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm15,383.96), ekwivalenti għal ħamsa u tletin elf tmien mija u ħamsa u tletin ewro (€ 35,835).

Illi ghalhekk il-kontestazzjoni tiegħu hija limitata għall-bqija tas-sorte mitluba mill-attur, ċjoè l-ammont ta' ħamest elef sitt mija u ħamsa u tmenin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€5,685.82), ghalkemm waqt l-istess seduta tad-19 ta' Mejju, 2009 jirrizulta li l-konvenut offra wkoll is-somma ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) maqsumin f'żewġ pagamenti, wieħed ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) u l-bilanċ fi żmien sena iżda l-attur ma aċċettax peress illi talab ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet.

Illi dwar is-sorte jirrizulta li l-partijiet qed jaqblu li s-somma kapitali ta' tlettax-il elf liri Maltin (Lm13,000) mħallsa mill-attur, kif jidher mill-iskrittura (Dok. "A") annessa mar-rikors guramentat għandha tiġi rifuża mill-konvenut lill-attur.

Illi stabbilit dan, kull ma jonqos huwa illi jigu kkalkolati xi spejjeż saru mill-kontendenti u li jridu jitnaqqsu mill-prezz

tal-bejgħ tal-fond ta' tnejn u sebgħin u ħames mitt liri Maltin (Lm72,500). Din bazikament tirrizulta minn żewġ "*List of Expenses*" ippreżentati mill-konvenut (19 ta' Mejju, 2009) u mmarkati bħala "Dok. BD 1" u "Dok. BD 2", u minn dawn kif sostna il-Perit Legali jirrizulta s-segwenti:-

(i) għal dak illi jirrigwarda l-ewwel grupp ta' spejjeż relatati max-xiri u bejgħ tal-proprjetà, il-Qorti sejra toqghod fuq is-somma globali ta' tnejn u tletin elf ħames mija sebgħa u disgħin liri Maltin u għoxrin ċenteżmu (Lm32,597.20) li tidher bil-kulur roża fuq Dok. "BD 1" u dan ghaliex *stante* illi f'din il-lista hemm inkluż l-ammont ta' *provisional withholding tax* attwalment imħallsa, filwaqt illi l-ammont ta' taxxa illi jidher fuq Dok. "BD 2" mhuwiex korrett, u ghalhekk qed taddotta dak indikat mid-Dok. "BD 1".

(ii) Illi l-ispejjeż relatati ma' *"construction works & expences"* iż-żewġ listi juru illi l-ispejjeż hawnhekk kienu fl-ammont ta' tmient elef disa' mija u għaxar liri Maltin u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm 8,910.81).

(iii) B'referenza għall-ispejjeż l-oħra intitolati *"expences by steve"* iż-żewġ listi juru wkoll figura waħda fl-ammont ta' tmien mija u erbatax-il lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm 814.14).

(iv) Dwar ispejjeż relatati mal-*water services corporation* jirriżulta illi dawn kienu fl-ammont ta' erba' mija erbgħa u ħamsin liri Maltin u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm454.72).

(v) Illi dwar spejjeż taħt l-intestatura *"woodworks St. Anthony"* jirriżulta wkoll illi ż-żewġ listi jaqblu u illi l-ammont ta' spejjeż kien dak ta' disat elef erba' mija u ħamsa u disgħin liri Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm 9,495.46).

(vi) Illi l-ispejjeż relatati ma' *"gypsum works & coving"* dawn kienu fl-ammont ta' elf mitejn u żewġ liri Maltin u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm 1,202.95).

(vii) Illi l-ispejjeż taħt l-intestatura *"miscellaneous"* jirriżulta illi dawn kienu fl-ammont ta' erba' mija tlieta u disgħin liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm493.27).

(viii) L-ispejjeż ta' *"plumbing & electrical works* jirriżulta illi l-ammonti li jidhru fuq iż-żewġ listi ppreżentati mill-konvenut jaqblu u l-ispejjeż f'dan ir-rigward kienu fl-ammont ta' elf sitt mija u tnejn u erbgħin lira Maltin (Lm 1,642).

(ix) B'referenza għal *BOV charges* tirriżulta differenza mhux żgħira bejn iż-żewġ listi ppreżentati fl-ammont ta' elf disa' mija wieħed u għoxrin lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm1,921.35) u din id-differenza ġejja mill-fatt illi filwaqt fuq "Dok. BD 2" l-*loan interest posting* nhar l-4 ta' Ġunju, 2007 jirriżultaw fl-ammont ta' tliet mija disgħa u sittin liri Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm369.32) u mitejn wieħed u sittin liri Maltin u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm261.38) (kumplessivament sitt mija u tletin lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm630.70)), "Dok. BD 1" juri l-figura ta' elfejn ħames mija u tnejn u ħamsin lira Maltin u ħames ċenteżmi (Lm2,552.05) bħala *loan interest posting* nhar l-4 ta' Ġunju, 2007. Illi din id-differenza mhux negliġibbli fl-ammont tal-imgħaxijiet, li wieħed jippresumi illi l-konvenut kien jaf tajjeb dwarha tant illi xehed illi kien qiegħed jippreżenta rendikont aġġornat, kellha tiġi ppruvata permezz ta' dokumenti jew aħjar permezz tax-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjetà bankarja involuta. Fin-nuqqas ta' tali prova korroborattiva, l-Qorti thoss li l-konvenut naqas milli jipprova din l-ispiża addizzjonali għas-soddisfazzjon ta' l-oneru fuqu bhala l-persuna li ghandha l-oneru ta' prova ta' tali allegazzjoni u għalhekk il-Qorti ser jistrieħ fuq il-figuri illi jidhru fuq "Dok. BD 2". Għalhekk f'dan ir-rigward, l-ispejjeż illi saru kienu fl-ammont ta' erbat elef disa' mija u erbgħa u tletin liri Maltin u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm4,934.83).

(x) Illi ghal dawk li huma *"metal works by VR Works/Pawlu"* jirriżulta miż-żewġ listi illi l-ispejjeż relattivi jammontaw għal tmien mija u sebgħin lira Maltin (Lm870).

(xi) B'referenza għall-ispejjeż taħt l-intestatura *"bathroom by Keramit/vella falzon"* jirriżulta illi l-figuri fuq iż-żewġ prospetti huma l-istess u għalhekk l-ispejjeż relattivi huma fl-ammont ta' elfejn erba' mija u sitta u għoxrin liri Maltin (Lm2,426).

(xii) Finalment hemm qbil ukoll fir-rigward tal-ispejjeż involuti fuq *"extra finishing works – Sandro Abela"* dawn ġew fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u ħamsin liri Maltin (Lm952).

Illi ghalhekk l-ispejjeż kumplessivi jammontaw għal erba' u sittin elf seba' mija tlieta u disgħin liri Maltin u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm 64,793.38). Dan l-ammont kumplessiv ta' spejjeż għandu jitnaqqas mill-prezz tal-bejgħ ta' tnejn u sebgħin elf u ħames mitt lira Maltija (Lm72,500).

Illi għalhekk il-profitt illi jifdal biex jinqasam bejn il-kontendenti huwa dak ta' sebat elef seba' mija u sitt liri Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu (Lm7,706.62) jiġifieri tliet elef tmien mija tlieta u ħamsin lira Maltin u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm3,853.31) kull wieħed mill-kontendenti.

Illi ma' dan l-ammont ta' Lm3,853.31, l-attur irid jitħallas ukoll is-somma ta' tlettax-il elf liri Maltin (Lm13,000) biex b'hekk is-sorte dovuta mill-konvenut lill-attur hija dik ta' sittax-il elf tmien mija u tlieta u ħamsin liri Maltin u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm16,853.31) ekwivalenti għal disgħa u tletin elf mitejn sebgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€39,257.65).

Illi mill-provi proċesswali senjatament mix-xhieda tal-konvenut quddiem il-Perit Legali datata 19 ta' Mejju 2009 jirriżulta illi l-konvenut kien ta *cheque* lill-attur fl-ammont ta' għaxart elef liri Maltin (Lm10,000), jiġifieri ammont anqas mis-sorte attwalment dovuta. Mill-ittra tal-konsulent legali tal-attur ta' nhar il-25 ta' Settembru, 2007, ("Dok. C a fol. 6) jirriżulta illi l-attur ma aċċettax din l-offerta ta' ħlas.

Għalhekk it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut qed jigu miċħuda wkoll.

Illi dwar il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut tal-intempestivita' tal-azzjoni attrici peress li skont huwa kienu qed isiru trattativi ta' trasnsazzjoni bejn il-partijiet, din il-Qorti thoss li hija bla bazi peress li jirrizulta li l-ammont kien dovut mid-data tal-bejgh fl-4 ta' Ġunju, 2007, u l-konvenut ma kellu ebda raġuni għaliex jibqa' ma jħallasx lill-attur sehmu mill-profitti u l-ammont l-ieħor lilu dovut. Għalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar is-sitt eccezzjoni jirrizulta li l-attur qiegħed jitlob l-imgħaxijiet legali mill-ġurnata tal-5 ta' Ġunju 2007, jiġifieri l-għada tal-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ tal-proprjetà li biegħu l-kontendenti. Il-konvenut jikkontendi fis-sitt eċċezzjoni tiegħu illi l-imgħaxijiet jistgħu biss jiddekorru mid-data ta' att ġudizzjarju u kwindi jiddekorru jew mid-data tal-intavolar tal-kawża kemm-il darba din il-Qorti tikkonferma s-somma mitluba jew mid-data tas-sentenza kemm-il darba din is-somma tkun likwidata diversament minn din l-Qorti. Ma' dan jizdied jinghad li l-konvenut fix-xhieda tieghu datata 19 ta' Mejju 2009 stqarr illi huwa ma jħossx illi għandu jħallas l-imgħax fuq għaxart elef liri Maltin (Lm10,000) illi kien ħallas b'*cheque* lill-attur iżda li baqa' ma ssarrafx. Fuq il-bqija tal-ammont ammetta illi għandu jħallas imgħaxijiet minn meta sar il-kuntratt. Il-konvenut irreklama illi hemm xi imgħaxijiet dovuti lilu *oltre* xi xogħlijiet illi għamel però kontro-talba f'dan is-sens ma ġietx ippreżentata u għalhekk ma hemmx lok ghall-investigazzjoni ulterjuri fuq l-istess.

Illi fir-rigward tal-ġurnata minn meta jibdew jgħaddu l-imgħaxijiet, l-**artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili**, jgħid illi:-

*"**1141.** (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita".*

*"(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni".*

Illi jsegwi li f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ladarba *si tratta* ta' obbligazzjoni naxxenti minn obbligazjoni ta' natura kummercjali ezistenti bejn socjetajiet kummercjali l-imghax li ghandu jiddekorri huwa dak kemm skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1139** u anke abbazi tal-**artikolu 1141 (1) tal-Kap 16** u f'dan il-kuntest issir riferenza wkoll ghal dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Gatt MBE vs Francis Vella"** ( A.K. Vol. XXXII. i. 505. – 28 ta' Frar 1994) fejn inghad illi:-

*"l-interessi huma dovuti mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi adempita jekk din hija ta' natura kummercjali…".*

Illi dwar obbligazjonijiet ta' natura kummercjali din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kawzi **"Guillaimier Industries Limited vs Calibere Industries Limited"** (P.A. (RCP) – 27 ta' April 2006); **Mario Mallia et nomine vs Francis Bezzina Wettinger"** (A.C. (VDG) – 10 ta' Ottubru 2003); **"Hector Barbara proprio et nomine vs Perit Joseph Barbara"** (A.C. (JSP) 19 ta' Novembru 2001); **"Vincent Brincat nomine vs Anna Caruana nomine"** (A.I.C. (P.S.) 23 ta' Gunju 2004); **"Adrian Vella nomine vs Blue Med Travel Services Limited"** (A.I.C. (P.S.) 20 ta' Ottubru 2004); **"Joseph Muscat et vs Maggur Louis Radmilli et"** (P.A. (JRM) 3 ta' Ottubru 2002) u ohrajn.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet waħda ta' negozju, allura relazzjoni kummerċjali u x-xorta tal-obbligazzjoni ta' ħlas lill-attur kienet ta' xorta kummerċjali ghaliex kien hemm element spekulattiv fit-transazzjoni bejn il-kontendenti, allura ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' interpellazzjoni għall-ħlas b'att ġudizzjarju sabiex jibdew jgħaddu l-imgħaxijiet.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Vincent Brincat eżerċenti taħt l-isem Infocus Promotions vs Anna Caruana eżerċenti taħt l-isem Plus Sizes"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Gunju 2004) inghad li "*jinstab ritenut fid-deċiżjoni riportata a Vol XXXVIII p III p 642, fuq l-insenjament u d-dottrina taljana, illi "debitu kummerċjali likwidu u eżiġibbli ta' somma ta' flus jipproduċi interessi "di pieno diritto".*

Illi aktar 'il quddiem ġiet trattata l-kwistjoni tal-prova illi trid issir u ġie ritenut illi:-

*"Il-kreditur għandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur, li tista' tikkonsisti anke f'sempliċi dewmien; għandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-ħtija tad-debitur. Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneru li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut għal xi ħaġa barranija ("causa estranea") li tagħha huwa ma kienx responsabbli, jiġifieri illi huwa ma kellux ħtija billi kien mexa bid-diliġenza ta' "bonus paterfamilias" (Art 1175 (1) u Art 1176,illum Art 1132 u 1133 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk imbagħad id-debitur ma jasalx għal din il-prova huwa jkun fi ħtija u jidħol responsabbli għad-danni, u f'każ ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha jikkonsistu fl-imgħax…"*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirriżulta mill-provi prodotti illi l-attur irnexxielu jissoddisfa dan l-oneru ta' prova impost fuqu fis-sens illi huwa pprova sal-grad meħtieġ mil-liġi l-inadempjenza tal-konvenut, li f'dan il-każ tikkonsisti fid-dewmien tal-ħlas tas-somma dovuta; mhux hekk biss, izda mill-banda l-oħra l-konvenut naqas għall-kollox milli jġib l-iċken prova illi dan id-dewmien ma kienx attribwibbli lilu iżda attribwibbli għal xi *causa estranea*. F'dan il-kaz ghalhekk hemm lok, li minħabba n-natura tal-obbligazzjoni u l-oneru ta' prova soddisfatt mill-attur, li l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru kif mitlub ossia *ipso jure*.

Illi dwar it-tieni parti tas-sitt eċċezzjoni imqanqla mill-konvenut u ċjoè jekk il-fatt illi l-ammont illi jirriżulta dovut bħala sorte huwa anqas minn dak mitlub fir-rikors

ġuramentat tal-attur ifissirx illi l-imgħaxijiet ma għandhomx jiddekorru *ipso jure* iżda biss mid-data tas-sentenza.

Illi ghal dak li huwa l-kaz odjern din l-Qorti thoss li l-eċċezzjoni setgħet treġgi biss kieku kellu jingħad illi l-ammont in kwistjoni ma kienx faċilment determinabbli u allura jiġi applikat il-prinċipju ġenerali illi *in illiquidandis non fit mora*, izda jirrizulta li mill-provi prodotti li kieku kien hemm ftit aktar bwona volontà da parti tal-konvenut dan l-ammont seta' faċilment jiġi determinat.

Illi mill-gurisprudenza jirrizulta wkoll li meta l-ammont mitlub ikun indikat speċifikatament mill-kreditur u l-Qorti takkorda ammont inferjuri, xorta jiddekori imghax. Fil-kawżi fl-ismijiet **"Antonio Buttigieg vs Salvatore Said"** (K. - 15 ta' Jannar 1952); **"Saviour Ellul nomine vs AIC Joseph Ellul Vincenti nomine et"** (P.A. – 21 ta' Jannar 2005); **"Mario Sacco vs Peter Muscat Scerri"** (A.C. – 31 ta' Jannar 2003); u **"Mario u Marianne konjuġi Galea v. Emanuel Fenech"** (P.A. (PS) – 16 ta' Jannar 2003) ġie stabbilit illi meta l-kreditur jitlob ammont speċifiku fl-att taċ-ċitazzjoni u mhux ammont *da liquidarsi*, l-imgħax, fuq dak l-ammont jew fuq ammont inferjuri, jiddekorri mid-data taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu mill-konvenut fuq is-sorte dovuta mill-għada tal-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ tal-proprjetà in kwistjoni kif mitlub mill-attur, u dan peress li l-ammont li ser jigi kanonizzat fis-sentenza kien dejjem f'idejn l-istess konvenut, li ma kien hemm xejn xi jwaqqfu li jhallas lill-attur l-ammont attwalment dovut, u l-imghax ghandu jiddekorri naturalment fuq l-istess ammont ta' disgħa u tletin elf mitejn sebgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€39,257.65) u għalhekk mill-5 ta' Ġunju 2007 sat-22 ta' Ottubru 2007 il-konvenut irid iħallas imgħaxijiet legali lill-attur fl-ammont ta' elf mitejn u erba' ewro (€1,204).

Illi l-konvenut jikkontendi li fuq l-ammont ta' għaxart elef lira Maltin (Lm10,000) li huwa offra lill-attur permezz ta'

*cheque* huwa ma għandux ibati imgħaxijiet. Izda peress li jirrizulta li l-attur huwa kreditur ta' ammont sew in eccess tal-istess japplika **l-artikolu 1156 tal-Kodiċi Ċivili,** fejn il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel jirċievi l-ħlas ta' biċċa mid-dejn u dan anke jekk id-dejn ikun jista' jinqasam, issegwi li l-attur kien ġustifikat jirrifjuta l-ħlas ta' biċċa mid-dejn offert lilu mill-konvenut, u dan apparti li ghalkemm l-istess ammont offert kien dovut dan xorta wahda baqa' u ghadu f'idejn l-istess konvenut. Ghalhekk is-sitt eċċezzjoni tal-konvenut għandha wkoll tiġi miċħuda.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens li l-konvenut Brian Degiorgio iħallas lill-attur Stephen Scicluna s-somma kumplessiva ta' disgħa u tletin elf mitejn sebgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€39,257.65); u *in oltre* l-konvenut ghandu wkoll iħallas lill-attur is-somma fl-ammont ta' elf mitejn u erba' ewro (€1,204), imgħax fuq is-sorte dovuta min-nhar il-5 ta' Ġunju 2007 sa nhar it-22 ta' Ottubru 2007.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgħa u tletin elf mitejn sebgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€39,257.65) minnu dovuti lir-rikorrenti kif hawn deciz.

2. Tikkundanna *inoltre* lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta' elf mitejn u erba' ewro (€1,204), imgħax fuq is-sorte dovuta min-nhar il-5 ta' Ġunju 2007 sa nhar it-22 ta' Ottubru 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1525/2007 mahrug fit-12 ta' Ottubru 2007, u tal-ittri nterpellatorji tat-8 ta'

Awwissu 2007 u tal-25 ta' Settembru 2007, u bl-imghaxijiet ulterjuri legali mit-23 ta' Ottubru 2007 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat/konvenut Brian Degiorgio.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------